Niedersächsische
Landeswahlleiterin

**Maltesisch**

## Informazzjoni
## mingħand l-uffiċjal reġjonali inkarigat mill-elezzjonijiet tas-Sassonja ta' Isfel

# Prinċipji fundamentali tas-sistema tal-elezzjonijiet lokali tas-Sassonja ta' Isfel

## Prinċipji fundamentali tas-sistema tal-elezzjonijiet lokali tas-Sassonja ta' Isfel

Kull ħames snin fis-Sassonja ta' Isfel jintgħażlu r-rappreżentanti politiċi għal aktar minn elfejn rappreżentanza lokali (l-Assemblea Reġjonali, il-Kunsilli Distrettwali, il-Kunsilli tal-Bliet, il-Kunsilli Muniċipali, il-Kunsilli tal-Muniċipji Integrati, u l-Kunsilli Lokali tal-kwartieri u tal-lokalitajiet). Fil-bliet li ma jiffurmawx parti minn distretti jintgħażel biss il-Kunsill tal-Belt. F'dawk il-muniċipji li fi ħdanhom jeżistu ukoll irħula u distretti tal-bliet jintagħżlu ukoll ir-rapprezentanti tal-Kunsilli Lokali u tal-Kunsilli Muniċipali, rispettivament. Fil-muniċipji individwali, il-votanti jersqu biex fl-istess ħin jivvutaw ukoll għall-Kap tal-Awtorità Distrettwali u s-Sindku b'mod dirett.

Fil-muniċipji li jiffurmaw parti minn distrett, il-votanti jissejħu biex jivvutaw f'sa ħames elezzjonijiet differenti:

- Fil-muniċipji li huma membri ta' muniċipji integrati, għall-elezzjoni distrettwali, għall-elezzjoni tal-Kunsill tal-Muniċipju Integrat, tal-Kunsill Muniċipali, kif ukoll tas-Sindku tal-Muniċipju Integrat u tal-Kap tal-Awtorità Distrettwali.

- Fil-muniċipji kollettivi, għall-elezzjoni distrettwali, għall-elezzjoni tal-Kunsill Muniċipali kif ukoll għall-elezzjoni tas-Sindku u tal-Kap tal-Awtorità Distrettwali u, jekk meħtieġ, għall-elezzjoni tal-Kunsill Lokali tal-lokalità.

## Min jista' jivvota?

Huma intitolati biex jivvutaw (għandhom id-dritt li jeleġġu) dawk iċ-ċittadini Ġermaniżi jew ċittadini ta' Stat Membru ieħor tal-Unjoni Ewropea li sad-data tal-elezzjoni jkunu għalqu s-sittax-il sena u

- li ilhom residenti fiż-żona elettorali rispettiva fejn huma jridu jivvutaw minn tal-inqas tliet xhur (pereżempju fid-distrett għall-elezzjoni tal-Kunsill Distrettwali),

- li mhumiex esklużi mid-dritt għall-vot minħabba xi ġudizzju ċivili jew kriminali,

- li huma rreġistrati f'reġistru elettorali jew għandhom dokument tal-vot.

Ir-reġistri elettorali jitħejjew mill-muniċipji (jew muniċipji integrati). Normalment, il-votanti jiġu rreġistrati fir-reġistru elettorali awtomatikament. Madankollu, dan isir biss jekk huma ma jinsewx jirreġistraw lilhom infushom fil-muniċipju tagħhom (fil-ħin)!

## Min jista' jikkontesta?

<u>Rappreżentanzi Lokali</u>

Fil-ġurnata tal-elezzjoni, il-kandidati (dawk li għandhom id-dritt li jikkontestaw elezzjoni) għandhom

- ikunu għalqu t-tmintax-il sena,

- ikunu ilhom residenti fiż-żona elettorali minn tal-inqas sitt xhur (pereżempju fil-muniċipju għall-elezzjoni tal-Kunsill Muniċipali) u

- ikunu ċittadini Ġermaniżi jew ċittadini ta' xi Stat Membru ieħor tal-Unjoni Ewropea u
- ma jkunux esklużi mill-eliġibbiltà biex jikkontestaw minħabba xi ġudizzju ċivili jew kriminali.

Elezzjonijiet Diretti

Dawk li jixtiequ jikkontestaw għall-elezzjoni tal-Kap tal-Awtorità Distrettwali, fil-ġurnata tal-elezzjoni, għandhom

- ikunu għalqu t-23 sena, iżda jkunu għadhom ma qabżux is-67 sena,
- ikunu ċittadini Ġermaniżi jew ċittadini ta' xi Stat Membru ieħor tal-Unjoni Ewropea,
- ma jkunux esklużi mill-eliġibbiltà biex jikkontestaw minħabba xi ġudizzju ċivili jew kriminali, u għandu jkun iggarantit li huma, f'kull ħin, se jaħdmu għall-istruttura kostituzzjonali demokratika libera skont il-Liġi Bażika.

F'dan il-każ, il-kundizzjonijiet għall-eliġibbiltà ma jeżiġux li l-kandidati jkunu residenti fiż-żona elettorali li fiha jikkontestaw.

## Min jista' jinnomina?

Nominazzjonijiet jistgħu jsiru minn partiti politiċi, minn gruppi ta' persuni li għandhom id-dritt għall-vot (gruppi ta' votanti) u minn individwi. Rigward il-gruppi ta' votanti, ir-regolamenti elettorali ma fihomx rekwiżiti dwar l-għanijiet, il-forma tal-organizzazzjoni, id-daqs eċċ. tagħhom. Anki unjonijiet ta' votanti mingħajr struttura organizzata jistgħu jressqu nomini għall-elezzjonijiet lokali bħala gruppi ta' votanti.

## Min jista' jiġi nnominat?

Kull min jissodisfa l-kundizzjonijiet għall-eliġibbiltà jista'

- jitniżżel bħala kandidat fil-lista (= nomini għall-elezzjoni) ta' partit politiku jekk il-kandidat ikun jappartjeni ma' dan l-istess partit jew m'għandux partit,
- jifforma grupp ta' votanti flimkien ma' ċittadini oħra li għandhom l-istess interessi jew simili u jistabbilixxi lista komuni magħhom jew
- joħroġ bħala kandidat(a) individwali.

In-nominazzjoni tal-kandidati u d-determinar tas-sekwenza tagħhom fil-lista ta' nomini għall-elezzjoni ta' partit politiku jew ta' grupp ta' votanti ffurmat bi sħubija (= struttura simili għal dik ta' partit bi statut u programm) għandhom isiru bil-magħluq (b'mod sigriet) mill-assemblea tal-membri jew delegati tal-partit jew grupp ta' votanti rispettiv.

Biss dawk iċ-ċittadini Ġermaniżi u tal-Unjoni Ewropea li għandhom dritt għall-vot u li huma membri fil-partit jew fil-grupp ta' votanti bi sħubija jistgħu jattendu għall-għażla bil-magħluq. L-għażla bil-magħluq hija valida biss jekk jieħdu sehem minn tal-inqas tliet persuni li għandhom dritt għall-vot.

Bħala regola ġenerali, biex jiġi stabbilit grupp ta' votanti, tliet persuni intitolati għall-vot huma suffiċjenti. L-għażla ta' kandidati biex jitpoġġew fil-lista ta' nomini għall-elezzjoni ta' grupp ta' votanti li ma ġiex iffurmat bi sħubija għandha ssir matul laqgħa ta' dawk il-membri tal-grupp ta' votanti li għandhom id-dritt għall-vot. Biex tinżamm laqgħa bħal din m'hemm bżonn tal-ebda formalitajiet. Madankollu, għandha tingħata opportunità lil dawk kollha fil-grupp ta' votanti li huma intitolati għall-vot biex jieħdu sehem fil-laqgħa. Hawnhekk tapplika wkoll il-proċedura tal-għażla ta' kandidati biex jitpoġġew fil-lista ta' nomini għall-elezzjoni bil-magħluq.

Min ikun irid joħroġ bħala kandidat(a) indipendenti jista' jinnomina lilu nnifsu.

Partiti, gruppi ta' votanti u kandidati indipendenti jistgħu jressqu n-nomini tagħhom għall-elezzjoni biss jekk dawn ikunu appoġġjati minn dokument uffiċjali b'ammont ta' firem ta' votanti taż-żona elettorali rispettiva (spjegazzjoni tinsab fit-taqsima "Kif issir il-votazzjoni?" f'din il-paġna). Dawk biss li diġà huma rrappreżentati f'rappreżentanzi taż-żona elettorali (pereżempju fil-Kunsill Muniċipali) jew fil-*Bundestag* Ġermaniż (parlament federali) jew fil-parlament tal-istat federali tas-Sassonja ta' Isfel huma eżentati minn dan l-obbligu. Id-dokumenti uffiċjali għall-firem ta' appoġġ jingħataw mill-uffiċjal inkarigat mill-elezzjonijiet fiż-żona elettorali partikolari. Dan jipprovdi wkoll informazzjoni oħra, bħal pereżempju rigward in-numru ta' firem ta' appoġġ meħtieġa.

Għall-kandidatura f'lista ta' nomini għall-elezzjoni ta' Kap tal-Awtorità Distrettwali japplikaw ir-regolamenti ta' hawn fuq.

## Kif issir il-votazzjoni?

Il-votanti jirċievu polza tal-vot għal kull elezzjoni li huma se jieħdu sehem fiha (pereżempju, waħda għall-elezzjoni tal-Kunsill Distrettwali u waħda għall-elezzjoni tal-Kunsill Lokali tal-lokalità tagħhom u, fejn meħtieġ, polza tal-vot f'każ ta' elezzjoni ta' Kap tal-Awtorità Distrettwali u oħra f'każ ta' elezzjoni ta' Sindku).

Għall-elezzjoni tar-rappreżentanzi (pereżempju l-Kunsill Distrettwali, il-Kunsill Lokali tal-muniċipju) japplika d-dritt għat-tfigħ ta' tliet voti bil-possibbiltà ta' kumulazzjoni[1] u tqassim tal-voti[2]. B'differenza għall-*Bundestag* jew l-elezzjonijiet tal-parlamenti tal-istati federali, il-votanti jistgħu f'dan il-każ jimmarkaw tliet slaleb f'kull polza tal-vot. Jistgħu jagħtu t-tliet voti kollha kemm huma lil lista waħda ta' nomini (lista totali) jew lil kandidat(a) wieħed/waħda minn lista ta' nomini (kumulazzjoni). Barra minn hekk, it-tliet voti jistgħu jitqassmu wkoll bejn aktar listi u/jew kandidati tal-istess lista ta' nomini jew ta' listi ta' nomini differenti (tqassim tal-voti).

Is-sistema elettorali tippresupponi li l-kandidati kollha jkunu speċifikati fid-dokument tal-vot. Peress li lista ta' kandidati waħda għaż-żona elettorali kollha (pereżempju, muniċipju, distrett) tinkludi numru kbir wisq ta' kandidati, iż-żona elettorali tinqasam f'partijiet li bejn wieħed u ieħor ikunu indaqs b'lista differenti ta' kandidati f'kull waħda.

Jekk f'żona elettorali ssir l-elezzjoni tas-Sindku jew tal-Kap tal-Awtorità Distrettwali, din issir skont il-prinċipji tal-elezzjoni b'maġġoranza. Għal kull waħda minn dawn l-elezzjonijiet diretti, il-votanti għandhom vot wieħed biss li jistgħu jagħtu lil kandidat(a) wieħed/waħda billi jimmarkaw salib ħdejn l-isem fil-polza tal-vot.

[1] Jista' jingħata aktar minn vot wieħed lill-istess kandidat(a).
[2] Jingħataw il-voti lil kandidati minn listi differenti ta' nomini.

## Kif isir l-għadd tal-voti?

Rappreżentanzi Lokali

Is-siġġijiet tar-rappreżentanzi lokali jitqassmu skont il-prinċipji ta' sistema elettorali bi proċedura proporzjonali għall-għażla ta' persuni.

L-allokazzjoni tas-siġġijiet issir skont il-proċedura proporzjonali msemmija għall-Ingliż Thomas Hare u l-professur tal-matematika Ġermaniż Horst Niemeyer. Skont din is-sistema, il-proporzjon tal-voti jiġi trasferit għas-siġġijiet b'mod proporzjonali. Għalhekk, in-numru totali tas-siġġijiet li jistgħu jiġu assenjati fir-rappreżentanza rispettiva jiġi mmultiplikat bin-numru ta' voti mogħtija lil nomina u diviż bin-numru totali tal-voti kollha mitfugħa. Din il-kalkolazzjoni tirriżulta f'numri proporzjonali. L-ewwel, kull nomina tirċievi l-għadd ta' siġġijiet li jikkorrispondi għall-għadd ta' siġġijiet sħaħ li jirriżulta min-numru proporzjonali rispettiv. Imbagħad, il-bqija tas-siġġijiet tingħata lill-partiti, gruppi ta' votanti jew membri indipendenti li jirreġistraw l-ikbar frazzjonijiet. Il-post tal-kandidati fi ħdan il-listi ta' nomini tal-partiti u tal-gruppi ta' votanti jiġi ddeterminat parzjalment permezz tal-għadd tal-voti miksuba personalment u parzjalment permezz tal-ordni stabbilit fil-lista ta' nomini. Fl-elezzjonijiet lokali m'hemm l-ebda proporzjon minimu ta' voti għall-parteċipazzjoni fil-proċedura ta' distribuzzjoni ("*threshold*").

Elezzjonijiet Diretti

L-elezzjonijiet diretti tas-Sindki u tal-Kapijiet tal-Awtoritajiet Distrettwali jsiru skont il-prinċipji tal-elezzjoni b'maġġoranza.

Jintagħżlu dawk il-kandidati li jiksbu iktar min-nofs il-voti validi jew inkella dawk li bħala l-uniċi kandidati approvati minn dawk kollha nominati jkunu kisbu iżjed voti 'Iva' milli voti 'Le'.

Jekk fl-elezzjoni jkunu ħadu sehem numru ta' kandidati iżda l-ebda minnhom ma' jilħaq il-kwota, issir votazzjoni oħra fit-tieni Ħadd ta' wara l-ewwel votazzjoni bejn iż-żewġ kandidati li jkunu kisbu l-iżjed voti. Jekk fl-ewwel elezzjoni jkunu kisbu l-istess ammont ta' voti iktar minn żewġ kandidati, jintagħżlu bil-polza iż-żewġ kandidati li se jieħdu sehem fit-tieni elezzjoni.

## Fejn issir il-votazzjoni?

Biex issir il-votazzjoni jiġu ffurmati distretti elettorali. Il-muniċipji ż-żgħar (ta' mhux aktar minn 2,500 abitant) jiffurmaw distrett elettorali wieħed filwaqt li l-muniċipji li huma ikbar minn hekk jinqasmu f'aktar distretti elettorali. Il-muniċipji jiddeterminaw in-numru ta' distretti elettorali u jagħżlu ċentru tal-votazzjoni għal kull distrett elettorali.

Kull min jiġi rreġistrat fir-reġistru elettorali jirċievi awtomatikament avviż dwar l-elezzjoni. Fih ikun hemm indikat iċ-ċentru tal-votazzjoni fejn il-votant jista' jeżerċita d-dritt għall-vot tiegħu/tagħha. Min ma jkunx jista' jmur fiċ-ċentru tal-votazzjoni indikat jew ma jkunx ġie rreġistrat fir-reġistru elettorali mhux bi żvista tiegħu/tagħha, jista' jitlob dokument tal-vot u jagħmel użu mill-possibbiltà li jivvota permezz ta' korrispondenza.

## Min imexxi l-elezzjoni?

Il-preparazzjoni u l-eżekuzzjoni tal-elezzjoni lokali jaqgħu primarjament fl-ambitu tar-responsabbiltà tal-muniċipji; l-uffiċċji elettorali tagħhom għandhom jissodisfaw numru konsiderevoli ta' karigi organizzattivi individwali. Dawn jinkludu, pereżempju:

- Tħejjija u amministrazzjoni tar-reġistri elettorali,
- Avviżi lill-votanti dwar id-dritt tal-vot,
- Tqassim tal-voti u tad-dokumenti tal-votazzjoni permezz ta' korrispondenza,
- Għażla tal-postijiet għall-votazzjoni (ċentri tal-votazzjoni),
- Ħatra tal-membri tal-kummissjonijiet elettorali u taħriġ tagħhom,
- Provvista tal-poloz tal-vot,
- Ġabra tar-riżultati elettorali mid-distretti elettorali individwali,
- Żamma tad-dokumenti elettorali.

Il-miżuri u deċiżjonijiet importanti għandhom jittieħdu minn korpi elettorali indipendenti u mhux mill-awtoritajiet amministrattivi. Dawn huma l-uffiċjali responsabbli għall-elezzjoni fid-distretti, fil-muniċipji u fil-muniċipji integrati, il-kumitati elettorali li għandhom jiġu ffurmati għal kull żona elettorali (pereżempju distrett, muniċipju) u l-kummissjonijiet elettorali li għandhom jinħatru għall-ġurnata tal-elezzjoni.

Il-kariga tal-kumitati elettorali hija, fuq kollox, l-eżaminazzjoni u l-approvazzjoni tan-nomini għall-elezzjoni u d-determinar tar-riżultat elettorali finali.

Il-kummissjonijiet elettorali huma responsabbli għall-proċedura għall-iżvolġiment korrett tal-votazzjoni fiċ-ċentri tal-votazzjoni tad-distretti elettorali individwali u d-determinar tar-riżultati elettorali tagħhom.

Il-membri tal-kumitati u tal-kummissjonijiet elettorali jinħatru minn fost il-votanti taż-żona elettorali rispettiva u jaħdmu b'mod volontarju. Kull votant għandu l-obbligu li jaċċetta l-kariga ta' uffiċjal volontarju bħal dan. Fis-Sassonja ta' Isfel kollha, madwar 75,000 uffiċjal volontarju huma meħtieġa għall-elezzjonijiet lokali.